# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Qawsalla ta' Kuluri**

**Lezzjoni 2.3: Flimkien veru sbieħ**

**L-Għanijiet:**



It-tfal:

a) Jiġu konxji huma min huma u dawk ta' Madwarhom.

b) Jisimgħu l-istorja tal-kuluri.

c) Jagħrfu d-differenzi ta' kull wieħed.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Il-Bibbja
- The crayon box that talked: http://www.youtube.com/watch?v=XmQuP5F9iD0
- Powerpoint: Stampa ta' tifel u tifla/kaxxa crayons
- Diska – Jesus loves me (minn Lezzjoni 2.1)

**Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Ibda billi tistaqsi lit-tfal x'jiftakru mil-lezzjonijiet ta' qabel billi terga' turi l-istampa taż-żewġt itfal.
- Oħroġ il-punti li kulma għandna ġej minn Alla u rridu napprezzaw lil xulxin għax kulħadd hu sabiħ.



**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**



- Uri l-istampa tal-crayons u staqsi lit-tfal x'qegħdin jaraw.
- Staqsi : x'kulur l-aktar li jogħġbok; għalfejn nużaw il-kuluri u mistoqsijiet oħra simili
- Oħroġ il-punt li Alla tana l-kuluri biex id-dinja tidher isbaħ. Irreferi għall-ħolqien bil-kuluri kollha li dan għandu miegħu.
- Iftaħ il-link biex turi lit-tfal l-istorja tal-kaxxa tal-kuluri.
- Introduci l-istorja fil-qasir u wara ħalli t-tfal jarawha.
- Staqsi lit-tfal x'dehrilhom mill-istorja u staqsi għalfejn il-crayons sofor u ħodor jgħidu li ma jħobbux l-aħmar; x'għamlet it-tifla meta tasal id-dar; x'jiġri meta l-kuluri jmissu ma' xulxin; x'għen biex il-crayons jibdlu l-fehma tagħhom dwar xulxin.

- Enfasizza l-punt li fil-bidu l-kuluri ma kinux iħobbu lil xulxin; imma meta l-kulur ingħaqdu flimkien l-istampa dehret sabiħa; u allura ndunaw li kienu kollha speċjali.
- Spjega li l-istampa kienet sabiħa għax kellha l-kuluri kollha. Kieku l-istampa kellh kulur wieħed biss ma kinitx tkun sabiħa daqshekk.
- Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 2.2 u wara li tħalli lit-tfal iħarsu lejn l-istampa għal ftit ħin, spjegalhom x'fiha. Spjegalhom li ser jużaw kulur wieħed għall-ewwel stampa u l-kuluri addattati biex issir t-tieni stampa. Oħroġ il-punt tas-sbuħija meta jintużaw il-kuluri kollha.
- Tajjeb li inti tgħin lil dawk it-tfal li forsi għandhom bżonn l-għajnuna biex jużaw il-kuluri addatati biex ipenġu l-istampa.
- Spiċċa l-lezzjoni billi terġa' tfakkar fis-sbuħija ta' kull persuna.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Jien kulur sabiħ.
2. Int kulur sabiħ ukoll.
3. Flimkien aħna isbaħ.
4. Jien napprezza lilek u int lili.
5. Meta ma naċċetawx lil xulxin jinqala' l-inkwiet.

(Dawn jistgħu jiżdiedu ma' dawk li hemm fil-programm.)

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**




- Napprezzaw lil xulxin u nkunu kuntenti flimkien għax aħna lkoll sbieħ. Meta ma naċċettawx lil xulxin jinqala' l-inkwiet.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

The Crayon box that talked:

http://www.youtube.com/watch?v=XmQuP5F9iD0

Song: Jesus loves me



**Nitolbu**

Ġesu' għinni nħobb lil kulħadd minn qalbi. Għinni nkun kuntenti bija nnifsi u b'dak li għandi.

